# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 180/97

Carmel Sciortino u b` digriet tat-8 ta` Novembru 1999 il-gudizzju gie trasfuz f`isem Maria Rita u Frida Sciortino

vs

Direttur tal-Qrati u b` digriet tal-14 ta` Awissu 1997 Direttur Generali tal-Qrati u Direttur Generali tal-Management and Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim Ministru li gie kjamat fir-rikors b` digriet tal-14 ta` Awissu 1997

Illum 15 ta' Jannar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1983 huwa sofra ingustizzja f'li gie mtellef promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Huwa dahal jahdem il-Qorti ghall-habta tal-1971 bhala Labourer.

Fl-1983 meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' Messenger 2 gie mibghut jahdem fl-Arkivju. Hemm kien jaghmel ix-xoghol kollu li kien jirrikjedi biex jinzamm Arkivju. Jigifieri xoghol ta' Kustodju tal-Arkivji. Din l-ordni inghatatlu mis-Sur Lino Grech, li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' A.O. F'dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Arkivista is-Sur Pinu Asciak. Dan kien qieghed jaghmel ix-xoghol ta' Marixxall u ghaldaqstant ma kienx jaghmel xoghol fl-Arkivju.

Ta min isemmi li f'dak iz-zmien kien hemm ukoll jahdem fl-Arkivju certu Gejtu Decelis li kien jokkupa l-kariga ta' Messenger 2. Dan dam jahdem hemm sal-1988.

Fl-1988 is-Sur Pinu Asciak spicca mis-servizz tal-gvern u ghaldaqstant, il-post ta' Arkivista gie vakanti ghall-kollox. Ta' min isemmi li f'dak iz-zmien, huwa kien l-unika persuna eligibbli biex jokkupa l-grad ta' arkivista ghaliex anki is-Sur Decelis kien spicca

mill-Arkivju u ghalhekk huwa assuma r-responsabbilitajiet kollha rikjesti minn Arkivista.

Dan il-grad ta' Arkivista ghadu vakanti sal-lum allavolja huwa ilu jaghmel dan ix-xoghol b'efficjenza, kif ukoll jerfa r-responsabbilita ghall dawn l-ahhar 14 il-sena.

Huwa hass li din l-Ingustizzja saret mieghu minhabba t-twemmin politiku tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata din il-promozzjoni li gie imcahhad minnha ingustament, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jsitax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000 jew kif jiddeciedi t-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tal-Qorti li eccepixxa:

Illi r-rikors promotur huwa null stante li l-isem korrett ta' l-intimat huwa Direttur Generali tal-Qrati.

Subordinatament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, id-Direttur Generali tal-Qrati mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri stante li l-krejazzjoni ta' karigi godda anke dipartimentali, tispetta lill-Management and Personnel Office fl-ufficcju tal-Prim Ministru u jkun utli li jigi kjamat f'din il-procedura l-persuna responsabbli minn dan l-ufficju.

Ghaldaqstant ir-Registratur tal-Qrati talab li jigi liberat mill-osservanza tal-Gudizzju.

Ra r-risposta tad-Direttur Generali, Management and Personnel Office, Ufficcju tal-Prim Ministru li eccepixxa:

1. Illi l-mili ta' postijiet fi gradi Dipartimentali fis-Servizz Pubbliku jsir wara li l-Kap tad-Dipartiment ikkoncernat jaghmel rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku biex din tibda l-process necessarju biex jigu maghzula l-persuni idoniji biex jimlew il-postijiet rikjesti.  L-istess rakkomdazzjoni tintbaghat lill-Management and Personnel Office biex tigi vverifikata qabel jibda l-process.  Wara li ssir l-ghazla l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku taghti l-parir taghha lill-Prim Ministru biex il-persuni maghzula jinghataw il-hatra.

2. Illi fil-kaz odjern ir-Registratur tal-Qrati ma jidhirx li ghamel ir-rakkomandazzjoni necessarja kif spjegat hawn fuq, biex jekk kienet tezisti xi vakanza ta' Arkivista fl-1988 jittiehdu l-passi biex din timtela.

3. Illi, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, ir-rikorrent tqabbad jaghmel ix-xoghol ta' Arkivista, dan xorta wahda ma kienx itih id-dritt li jinghata l-hatra peress li l-mili ta' vakanzi fis-servizz Pubbliku jsir wara sejha ghall-applikazzjonijeit u l-ghazla ssir fuq kriterji appozitament stabbilita' mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

4. Illi s-Sur Pinu Asiaq li allegatament kien qed jaghmel xoghol ta' Arkivista qabel ir-rikorrent ma kellux Grad ta' Arkivista izda ta' Messaggier III.

5. Ghaldaqstant l-intimat talab lil dan it-Tribunal joghgbu ma jilqax it-talba tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema` lix-xhieda bil-gurament.

Sema` l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li kien ilu ghal dawn l-ahhar sittax il-sena jahdem bhala kustodju ta' l-arkivju tal-qrati Superjuri' jigifieri minn meta Pinu Asciak l-ahhar Kustodju ta' l-arkivju, kien gie mibghut jaghmel l-impedimenti u s-sekwestri, minflok il-Marixxall, Duminku Chetcuti li kien ghadda bord u gie mistoqsi mis-Sur Lino Grech dak iz-zmien, Assistent Registratur, biex jahdem f'din is-sezzjoni. Dr. Kevin Aquilina li sussegwentement kien Agent Registratur tal-Qrati kien kiteb dwar dak li jirrikjedi l-post ta' Kustodju ta' l-Arkivju. Matul dan il-perjodu kellu jiehu din ir-responsabbilta' wahdu u minghajr ebda supervizjoni ta' hadd u qatt hadd ma kellu x'jghid hazin fih kemm is-superjuri prezenti u passati u l-istess jista jinghad ghall-pubbliku in generali li jkollu bzonn l-ghajnuna tieghu.

Kien informa lill-General Workers' Union b'dan u l-Union hadet xi passi. Ipprezenta il-korrispondenza kollha, li kien hemm bejn il-General Workers' Union il-Ministeru tal-Gustizzja, ir-Registratur tal-Qrati u l-Management and Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim Ministru. Qatt ma harget is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghal Kustodju ta' l-Arkivju. Sostna li dan sar ghal skopijiet politici. Dan il-post ta' Kustodju ta' l-arkivju ma giex inserit, bhal l-ohrajn imsemmija, meta saret l-organizazzjoni tad-departimental grades tal-

qorti, meta dejjem kien jezisti bhal l-ohrajn u msemmi anke fil-Kodici tal-Procedura Civili.

Xehed Lino Grech li kellu l-kariga fil-Qrati ta' Malta l-ewwel ta' Agent Registratur, imbaghad ta' Ditrettur Generali tal-Qrati. Semma li jaf lir-rikorrent jiftakar li kien jahdem bhala assistent ma' certu Pinu Axiaq li kien Custodian of Archives. Fil-1974 il-grad ta' Custodian of Archives gie regraded bhala dak ta' Messenger III. Peress li ma kienx kuntent b'dak il-mod kif gew regraded id-diversi aspetti tax-xoghol, u in segwitu kienu regghu gew moghtija regrading iehor u dak ta' Custodian of Archives gie regraded bhala ta' Usher, ghal-habta tan-1988 / 1990. Kien hass li kellu jkun hemm persuna trainjata ad hoc u mhux li jkun hemm Usher. Kien spicca Pinu Axiaq u lahaq beda jaghmel ix-xoghol tieghu r-rikorrent.

Kien baghat lis-Sur Alfred Formosa biex jaghmel Course halli jkun jaf kif isir dan ix-xoghol sewwa. Kien ra xi librerij barra min Malta li kienu anke sofistikati pero' dak kien ikun expensive hafna. Wara studju kien dehrilhom li ghandu jsir il-post ta' Custodian of Archives li bhala pre-rekwiziti irid ikun ghamel il-course specifiku ghal dan il-post. Kien irranga mal-MISCO li jaghmlu course specifikament ghal dan il-job, u r-rikomandazzjoni tieghu bghatha bil-miktub lill-ufficcju tal-Prim Ministru, u l-Ministeru. Eventwalment din kellha tghaddi ghall-Public Service Commission, tigi vvetjata minn hemm hekk u tigi mahruga.

Sciortino kien jaf jaghmel ix-xoghol kif kien isir fl-antik, pero` ma kellux training specifiku fih. Ir-rikorrent kien ikollu il-kwalifikazzjonijiet biex jaghmel il-course. Pero' dan il-Course qatt ma sar u lanqas biss l-applikazzjoni ma mxew il-quddiem. Ir-rikorrent qatt ma kien Custodian of Archives. Fin-1974 il-grad ta' Custodian of Archives ma kienx jidher iktar.

Xehed Dr. Kevin Aquilina li kellu l-kariga ta` Assistant Registratur Principali tal-Qorti u li kien ilu l-Qorti mill-1983. Semma li lir-rikorrent dejjem jafu fl-arkivju tal-Qrati Superjuri. Fil-fatt il-kariga tar-rikorrent hija ta` Usher, purtier izda dejjem fil-fatt ghamel ix-xoghol ta` Arkivista.

Fl-1970 / 1972 kienet saret riforma fil-gradi tac-civil u l-gradi ta` Marixxal, Purtier u Custodian of Archives kienu gew aboliti u x-xoghol ta` dawn l-ufficjali kien beda jsir minn Messenger 1, 2 u 3. Fl-1991 kienet saret riforma ohra fil-gradi tac-civil u l-gradi ta` Marixxall u Purtier regghu gew stabbiliti izda ta` Custodian of Archives ma giex stabbilit. Kienu kitbu kemm hu u s-sur Grech biex jergghu jistabbilixxu l-grad ta` Custodian of Archives u dana spejcalment minhabba li huwa previst mill-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili. Kien kiteb lill-MPO u kkwota anke l-Artikolu 78 tal-Kodici ta' Organnizazzjoni u Procedura Civili l-ghala l-kariga ta' Custodian of Archives ghandha tkun tezisti. Izda minn Kastilja ma qablux. Semma li qatt ma kien hemm rapporti negattivi fuqu u dejjem ghamel xogholu konxenzjozament.

Dr. Victor Borg Grech li kien Registratur tal-Qrati kollha xehed li lir-rikorrent jiftakru meta kien ghadu jagixxi bhala Registratur ghax spicca f`Mejju 1984. Ir-rikorrent dejjem hadem fl-arkivju. Ftakar li f`dak iz-zmien li dahal, fiz-zmien li spicca Pinu, kien hemm il-vacancy u dahal hu. Ix-xoghol fl-arkivju kien jafu sewwa. Precizament, tmur tistaqsih, imur mill-ewwel fil-post u jaghtik risposta definittiva. Kien kompetenti hafna ghax-xoghol.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi fit-30 ta' Gunju, 1998 id-Direttur Generali tal-Qorti rtira l-eccezzjoni tan-nullita' tal-ilment.

Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent jista' jinqasam f'zewg aspetti:

A l-fatt li hu ma lehaqx Kustodju;

B il-fatt li ghal numru ta' snin ghamel xoghol ta' Kustodju fl-Arkivju tal-Qorti meta dan ix-xoghol ma kienx jaqa' fil-mansjonijiet tal-grad tieghu.

Dwar l-eccezzjoni tad-Direttur Generali tal-Qorti li hu mhux il-legittimu kontradittur stante li l-kreazzjoni ta' karigi godda, anke dipartimentali, tispetta lill-Management and Personnel Office fl-Ufficju tal-Prim Ministru, jinghad li t-Tribunal jifhem l-argument tal-intimat fis-sens specjalment li hu kien favur li tinhalaq l-kariga ta' Kustodju tal-Arkivju izda kien l-MPO li oppona u ghalhekk ghandu

jirrispondi ghal dan.  Izda hawn wiehed irid jifhem li l-kawza f'dan it-tip ta' kawzi trid tkun diretta kontra l-kap tad-Dipartiment  li fih allegatament tkun saret l-ingustizza fil-konfront tar-rikorrent anke jekk dan ma jkunx sar propju mill-istess intimat li, kif jigri spiss, dak il-bniedem ikun imbidel, jew ma jkunx ha d-decizzjoni suggett tal-ilment hu stess.  Izda jaghmel sens li d-Direttur Generali tal-Qorti talab il-kjamata in kawza tad-Direttur Generali tal-MPO ghax certament dan hu responsabbli daqs l-ewwel Direttur bin-nofs.  Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jichad l-eccezzjoni tad-Direttur Generali tal-Qorti.

Dwar l-ewwel aspett tal-ilment tar-rikorrent jinghad li wara r-riforma fic-Civil gie deciz li n-numru tal-gradi jonqsu u jsiru ferm anqas minn qabel u ghalhekk id-Direttur Generali tal-Management and Personnel Office eccepixxa li l-MPO ma qabilx li terga' ssir struttura dipartimentali zghira ghaliex din kienet tmur kontra l-iskop ta' l-esercizzju tar-riforma fis-Servizz Pubbliku. Barra minn dan, ix-xoghol involut seta jsir minn ufficjali fil-gradi tal-General Service. Huwa veru li diversi drabi mill-Qorti kienet saret rakkomandazzjoni li ssir struttura gdida fis-sezzjoni tal-Arkivji fejn ikun hemm ukoll Custodian of Archives.  Izda l-MPO ma qabilx li jergghu jinholqu gradi dipartimentali, u ssugerixxa illi l-Agent Registratur tal-Qorti jikkunsidra l-possibilita' li l-vakanzi jimtlew permezz ta' hatriet skond kif jipprovdi l-ftehim dwar il-Library Grades.   Imkien ma jirrizulta li r-rikorrent kellu xi dritt ghal din il-kariga.  Hawn ma ahniex nitkellmu fuq xi hatra li ma hadiex ir-rikorrent ghax din

inghatat lil haddiehor li ma kinitx haqqu. Lanqas ma irrizulta li dan il-post ma baqax jezisti b'xi manuvri bl-iskop li jintlaqat direttament ir-rikorrent. Ghalhekk taht dan l-aspett l-ilment tar-rikorrent mhux validu, u t-Tribunal jilqa' t-tielet eccezzjoni tad-Direttur Generali Management and Personnel Office.

Izda hemm it-tieni aspett tal-ilment tar-rikorrent u cioe' li ghal numru ta' snin ir-rikorrent ghamel xoghol ta' Kustodju fl-Arkivju tal-Qorti meta dan ix-xoghol ma kienx jaqa' fil-mansjonijiet tal-grad tieghu.

Diversi drabi dan it-Tribunal hass li mhux sewwa li persuna iddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens ghax dan fil-verita' jammonta ghal li minn ikun qieghed ihaddem qieghed jiehu servizz superjuri ghal dak li qieghed ihallas tieghu. Hi simili ghal li thaddem nies wara l-hin u ma thallashomx tieghu – haga mhix permessa mill-ligi. Dan pero' irid jitqies fil-fattispecji partikolari tal-kaz. Ara f'dan is-sens Pinu Axiaq vs Direttur Generali tal-Qrati 20/6/00, Salvu Farrugia vs Direttur Generali tal-Qrati 3/6/99, u Salvu Fenech vs Direttur Generali tal-Qrati 25/11/97.

Ukoll fil-kawza fl-ismijiet Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni et deciza fit-2/11/00 it-Tribunal hass li mhux sewwa li persuna iddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens ghax dan fil-verita' jammonta ghal li minn ikun qieghed ihaddem qieghed jiehu servizz superjuri ghal dak li qieghed ihallas tieghu. Hi simili ghal li thaddem nies wara

l-hin u ma thallashomx tieghu – haga mhix permessa mill-ligi. Dan pero' irid jitqies fil-fattispecji partikolari tal-kaz. Ara wkoll Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta 6 ta' Dicembru, 2000.

Issa rrizulta b'mod car kemm mid-deposizzjoni tal-istess rikorrent kif ukoll tad-diversi ufficjali tal-Qorti li qalu li r-rikorrent kien jaghmel xoghol sewwa superjuri ghal grad tieghu. Fl-affidavit tieghu r-rikorrent semma li ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal zmien twil. Dan it-Tribunal jifhem li haddiem ikollu jaghmel xi zmien jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu bhal meta superjur tieghu ikun bil-leave, sick leave, jew meta tinholoq vacancy. Izda meta persuna ddum snin twal anke jekk stess dan ma jaghtix d-dritt ghall-promozzjoni xorta wahda jidhol dritt ghal kumpens kif issemma fuq. Fil-fehma tal-Qorti ir-rikorrent ghandu jinghata kumpens finanzjarju ta' elfejn lira.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijiet l-ohra tad-Direttur tal-MPO. Hawn tidher aktar cara r-responsabbilta' taz-zewg Diretturi – kemm ta' dak tal-Qorti, kif ukoll ta' dak tal-MPO minhabba li waqt li kien dak tal-Qorti li assenja xoghol superjuri lir-rikorrent, kien kawza tad-decizzjoni [ possibbilment tajba u fuq dan it-Tribunal mhux sejjer jikkummenta ghax mhix kompitu tieghu ] tad-Direttur tal-MPO li gara dak li fil-fatt gara.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].

Spejjez kontra l-intimat u kjamat in kawza.